**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli tal-Ligi 49,50,261(b) (c), 263, 279(a), 289, 325(1),(c), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 238/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**CARMEL MUGLIETT**
**(ID: 457762M)**

**Illum, 12 ta' Gunju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **CARMEL MUGLIETT nee' Gatt,** imwieled Pieta' fit-13 ta' Lulju 1962, u joqghod 12, Zahra, flt 1, Triq il-Friefet, Marsaskala u denentur tal-karta tal-identita' 457762(M), akkuzat talli:

Bejn it-23 u l-24 ta'Gunju 2012, minn gewwa l-istabbilment Priceright, li jinsab fi Triq Sammut, Paola, ikkometta serq ta' elf, mitejn, sitta u sittin ewro (€1,266) fi flus kontanti, Laptop tal-ghamla Acer b'valur ta' erba' mija u hamsin ewro (€450), apparat telefoniku tad-ditta Blackberry b'valur ta' tlett mija u hamsin

ewro, (€350), u fwejjah tal-marka Paco Raban b'valur ta' mitt ewro (€100) ghad-detriment ta' Darren Frendo/u jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew fwejjah ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrhiex l-ammont ta' elfejn, tlett mija, disa' w ghoxrin ewro, sebgha u tletin centezmu (€2,329,37c).

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u li saret ghad-dannu ta' Darre Frendo, detentur tal-karta tal-identita' 16583(M) u/jew ta' xi persuna/i w jew ta xi entita'u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli rrenda ruhu ricediv wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi waqt ezami li sar lilu nhar il-15 ta' Frar 2018, l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni illi l-kawza tieghu tigi deciza minn din il-Qorti b'mod sommarju.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilha nhar il-15 ta' Frar 2018, meta sar l-ezami tieghu (fol 63).

Il-Qorti rat illi dakinhar stess fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu, id-difiza talbet illi jkun hemm *pre sentencing report* fuq l-imputat u l-Qorti laqghet it-talba.

Il-Qorti giet infurmata li l-probation officer nominat kien Glenn Grixti.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2018 deher il-probation officer Glen Grixti li pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok GG. Illi minn ezami ta' dan ir-rapport u mir-rakkomandazzjoni moghtija lill-Qorti mill-probation officer jirrizulta li l-imputat ghamel diversi snin il-habs wara li nghata diversi sentenzi karcerarji mill-Qorti, u minkejja li nghata l-opportunita' li jirriforma ruhu permezz ta' sentenzi ohra fil-komunita, l-imputat ma tghallimx u filatt fil-prezent jinsab detenut fil-facilita' korrettiva ta' Kordin.

L-ufficjal tal-Probation jistqarr ukoll illi l-imputat ghandu diversi diffikultajiet u sfidi, u ghalhekk jemmen li ghandu jibqa' f'kuntatt ma' diversi professjonisti u jibqa' jigi segwit minn psikjatra sabiex ikun mentalment stabbli, minn psikologa, kif ukoll minn social worker, bil-ghan li jkun preparat u mill-istess facilita' ghandu wkoll jinghata kull tip ta' ghajnuna konta l-vizzju tad-droga.

Rat wkoll li din il-kawza giet assennjata lilha b'digriet t'assenjazzjoni datata 26 ta' Ottubru 2017 (fol 52).

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2018, il-Qorti tat zmien xieraq lill-imputat biex jirrikonsidra l ammissjoni tieghu u l-imputat rega' rregistrata l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti rat illi l-imputat ghandu fedina penali twila hafna b'diversi akkuzi serji registrati fuqha, minn fejn jirrizulta li l-imputat ga ghamel 'l fuq minn 25 sena habs u rega' jinsab quddiem din il-Qorti akkuzat inter alia fuq serq aggravat.

Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u appuntu 49,50,261(b) (c), 263, 279(a), 289, 325(1),(c), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ssib lill-imputat **Carmel Mugliett** hati tal-akkuzi kif adebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah tlett snin prigunerija.

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**